

# Il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fis-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol

**GWIDA PRATTIKA**

Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

European Trade Union Confederation (ETUC)
Confédération européenne des syndicats (CES)

Postijiet tax-xogħol li jġibu l-quddiem is-saħħa

Is-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol jirrigwardaw lil kulħadd. Tajjeb għalik, tajjeb għall-kumpanija.



**Europe Direct** huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.
Numru tat-telefon waħdieni bla ħlas (*): 00 800 6 7 8 9 10 11
(*) Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għal
numri 00 800 jew inkella dawn it-telefonati jistgħu jkunu bi ħlas.

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar **l-Unjoni Ewropea** hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

© Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, 2012

# Werrej


| | |
|---|---|
| **Kelmtejn qabel** | **4** |
| **Introduzzjoni: għala l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema hija importanti** | **6** |
| **Ir-rwol ta' min iħaddem** | **9** |
| **Ir-rwol tal-ħaddiema** | **10** |
| **Ir-rwol tar-rappreżentanti tal-ħaddiema** | **12** |
| **Listi ta' kontroll effettivi tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema** | **13** |
| **Riżorsi u aktar informazzjoni** | **17** |
| **Dwar** | **18** |


*Il-ħaddiema u l-maniġers iridu jaħdmu flimkien aktar mill-qrib sabiex isibu soluzzjonijiet konġunti għal problemi komuni.*



# Kelmtejn qabel





**Christa Sedlatschek,**

Direttur tal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

**Il-ħaddiema Ewropej gawdew minn titjib fis-saħħa u s-sigurtà matul l-aħħar deċennji. Madankollu, l-inċidenti fil-post tax-xogħol, il-mard u l-imwiet ikomplu jżidu piżijiet mhux aċċettabbli fuq il-ħaddiema tal-Ewropa. Jekk irridu ntejbu s-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol, il-ħaddiema u l-maniġers għandhom jaħdmu flimkien mill-qrib sabiex isibu soluzzjonijiet konġunti għal problemi komuni.**

Għall-ħaddiema huwa dwar li jipprevjenu ruħhom milli jiġrilhom ħsara bix-xogħol tagħhom. Għal min iħaddem huwa dwar il-kisba ta' għajnuna sabiex jiġu identifikati l-problemi reali u li jinstabu s-soluzzjonijiet tajba, u li jkollhom ħaddiema motivati. Għal dawn ir-raġunijiet, **Il-Kampanja tal-OSHA Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa 2012–13** timmira li tinkoraġġixxi l-maniġers, il-ħaddiema, ir-rappreżentanti tagħhom, u partijiet interessati oħrajn sabiex jaħdmu flimkien biex itejbu s-saħħa u s-sigurtà.

Din il-gwida prattika għall-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fis-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol tiddeskrivi xi tfisser il-parteċipazzjoni effettiva fil-prattika u kif il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom jistgħu jagħmlu l-parti tagħhom sabiex inaqqsu r-riskji fil-post tax-xogħol. Hija tenfasizza li l-ħaddiema jeħtieġ li jkollhom rwol attiv u jaħdmu flimkien mal-kollegi tagħhom u mal-maniġers sabiex jiksbu titjib sinifikanti fil-post tax-xogħol tagħhom. Hija tispjega kif il-ħaddiema individwali jistgħu jsiru aktar involuti, iżda għandha wkoll tgħin lir-rappreżentanti tal-ħaddiema sabiex jaħdmu ma' min jimpjegahom sabiex itejbu l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema kollha — maniġers, ħaddiema u rappreżentanti tal-ħaddiema. L-għan ġenerali huwa li tgħin sabiex jiġi promoss djalogu miftuħ u kultura li fiha s-saħħa u s-sigurtà huma integrati fir-rwoli ta' kulħadd.

Il-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (KETU) tapprova bi ħġarha din il-gwida minħabba li prinċipju ewlieni tal-organizzazzjoni tagħna huwa d-dritt għal kundizzjonijiet diċenti tax-xogħol u l-promozzjoni tas-sigurtà, is-saħħa u t-trattament xieraq tal-ħaddiema għall-benefiċċju ta' kulħadd. Il-KETU, trejdjunjins affiljati nazzjonali tagħna u l-federazzjonijiet tal-industrija Ewropej tagħna, iqisu l-informazzjoni tal-ħaddiema, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni bħala ewlenin sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi kif ukoll għall-promozzjoni, l-innovazzjoni, il-produttività u t-tkabbir fl-Ewropa.

Għal dawn ir-raġunijiet u aktar, aħna ninkoraġġixxu b'mod attiv lill-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom sabiex jaħdmu ma' min iħaddimhom sabiex itejbu s-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol. Sabiex tissaħħaħ din il-parti essenzjali tal-ġestjoni tas-sigurtà, se ninkoraġġixxu lill-affiljati tagħna u lil min iħaddem sabiex jużaw il-gwida u jiżguraw li jkun hemm djalogu veru u ġenwin dwar is-saħħa u s-sigurtà. Se nkomplu ninkoraġġixxu wkoll lill-ispetturi tax-xogħol sabiex jagħtu sehemhom sabiex jippromwovu l-involviment ġenwin tal-ħaddiema u jiskoraġġixxu prattika ħażina.

Aħna se nkunu qed nindirizzaw il-problema dejjem tikber tar-rappreżentanti tal-ħaddiema, li qed ikollhom jaħdmu sigħat żejda sabiex ilestu x-xogħol regolari tagħhom, kif ukoll il-kompiti tagħhom bħala rappreżentanti tal-ħaddiema. Aħna rridu naraw lir-rappreżentanti tal-ħaddiema jirċievu l-appoġġ li għandhom bżonn, mhux biss minn min iħaddem, iżda mill-ħaddiema li huma jirrappreżentaw u minn trejdunjins. U aħna qed inwettqu kampanji għal miżuri sabiex tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-ħaddiem, tar-rappreżentanti tal-ħaddiem u tat-trejdjunjins sabiex niżguraw li l-ħaddiema jmorru lura d-dar sikuri u f'kundizzjoni tajba wara ġurnata xogħol.





**Bernadette Ségol,**

Segretarja Ġenerali tal-KETU

European Trade Union Confederation (ETUC)
Confédération européenne des syndicats (CES)

# Introduzzjoni: għala l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema hija importanti

**Kull sena aktar minn 5,580 persuna fl-UE titlef ħajjitha bħala riżultat ta' inċidenti fil-post tax-xogħol. 159,000 oħra jmutu bħala riżultat ta' mard relatat max-xogħol. Numru kbir sew ta' dawn il-ħajjiet setgħu ġew salvati kieku r-riskji fil-post tax-xogħol kienu ġew ġestiti b'mod sensibbli u kif suppost billi jiġu antiċipati r-riskji u billi jiġu implimentati miżuri adegwati.**

Filwaqt li min iħaddem għandu d-dmir li jipprovdi postijiet tax-xogħol fejn ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà huma kontrollati adegwatament, il-liġi teħtieġ ukoll li l-impjegati jgħinu. Barra minn hekk, min iħaddem għandu jikkonsulta mal-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom bħala parti mill-proċess. Il-maniġers m'għandhomx is-soluzzjonijiet kollha għall-problemi tas-saħħa u s-sigurtà. Għaldaqstant, postijiet tax-xogħol fejn il-ħaddiema jikkontribwixxu b'mod attiv għas-saħħa u s-sigurtà, ta' spiss ikollhom livell ta' riskju u rati ta' inċidenti fil-post tax-xogħol aktar baxxi ([1]).

## X'inhi l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema?

Il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà hija proċess bidirezzjonali sempliċi fejn min iħaddem u l-ħaddiema tagħhom/ rappreżentanti tal-ħaddiema:

- jitkellmu ma' xulxin;
- jisimgħu t-tħassib ta' xulxin;
- ifittxu u jaqsmu l-opinjonijiet u l-informazzjoni;
- jiddiskutu kwistjonijiet fil-ħin;
- jikkunsidraw x'għandu x'jgħid kulħadd;
- jieħdu deċiżjonijiet flimkien;
- jafdaw u jirrispettaw lil xulxin.

Il-ħaddiema għandhom ikunu infurmati, mgħallma, imħarrġa u kkonsultati dwar is-saħħa u s-sigurtà. Il-parteċipazzjoni sħiħa tmur lil hinn mill-konsultazzjoni — il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom huma wkoll involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

*Jekk il-ħaddiema jingħataw l-opportunità li jipparteċipaw fit-tfassil ta' sistemi tax-xogħol sikuri, allura huma jkunu jistgħu jgħarrfu, jissuġġerixxu, u jitolbu titjib.*



([1]) EU-OSHA, Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol: *Worker representation and consultation on health and safety — An analysis of the findings of the European Survey of Enterprises on New and Emerging Risks (ESENER)*, 2012.



© EU-OSHA/Inge Sigvaldsen

## Ir-raġunijiet ewlenin għaliex il-ħaddiema għandhom jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet ta' tmexxija b'mod attiv:

- Il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema tgħin sabiex jiġu żviluppati metodi effettivi għall-protezzjoni tal-ħaddiema.
- Billi jiġu involuti fi kwistjoni fl-istadju ta' ppjanar, il-ħaddiema jkollhom aktar ċans li jidentifikaw ir-raġunijiet għat-teħid ta' azzjoni partikolari, jgħinu sabiex jinstabu soluzzjonijiet prattiċi u jikkonformaw mar-riżultat finali.
- Jekk il-ħaddiema jingħataw l-opportunità li jipparteċipaw fit-tfassil ta' sistemi tax-xogħol sikuri, allura huma jkunu jistgħu jgħarrfu, jissuġġerixxu, u jitolbu titjib — jgħinu sabiex jiġu żviluppati miżuri li jipprevjenu inċidenti u mard, f'waqtu u b'inqas spejjeż.



## Qafas għall-parteċipazzjoni tal-ħaddiema

- Min iħaddem għandu jikkonsulta mal-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tagħhom u jippermettilhom li jieħdu sehem fid-diskussjonijiet kollha dwar il-kwistjonijiet relatati mas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol b'mod bilanċjat.
- Il-ħaddiema/r-rappreżentanti tal-ħaddiema għandhom id-dritt li jitolbu lil min iħaddem sabiex jieħu miżuri xierqa u li jressqu proposti.
- Il-liġijiet u/jew prattiki nazzjonali jistabbilixxu rekwiżiti speċifiċi dwar l-għoti ta' informazzjoni u l-konsultazzjoni, speċjalment fir-rigward ta' rappreżentanti tal-ħaddiema u d-drittijiet tagħhom u l-istabbiliment ta' fora bħall-kumitati konġunti tas-sigurtà.
- It-taħlita ta' arranġamenti u metodi, kemm formali u informali, normalment hija l-aħjar soluzzjoni. B'mod partikolari, il-parteċipazzjoni diretta tal-ħaddiem u dik tar-rappreżentanti tal-ħaddiema m'għandhomx jitqiesu bħala alternattivi, iżda modi differenti li għandhom jitħalltu bl-aktar mod effettiv possibbli.

© Courtesy of INSHT

# Ir-rwol ta' min iħaddem

**Skont il-liġi, min iħaddem huwa responsabbli għall-amministrazzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà. Dan ifisser li għandu jiġi żgurat li l-ħaddiema jkunu protetti minn kull ħaġa li tista' tikkawża ħsara billi effettivament jikkontrolla kull riskju għal korriment jew għas-saħħa li jistgħu jinqalgħu fil-post tax-xogħol.**

Min iħaddem għandu d-dmirijiet taħt il-liġi tas-saħħa u s-sigurtà li jivvaluta r-riskji fil-post tax-xogħol. Valutazzjonijiet tar-riskju għandhom jitwettqu sabiex jiġu indirizzati r-riskji kollha li jistgħu jikkawżaw ħsara fil-post tax-xogħol sabiex jiddeterminaw liema miżuri ta' kontroll huma meħtieġa.

Min iħaddem irid jagħti lill-ħaddiema informazzjoni dwar ir-riskji fil-post tax-xogħol tagħhom u kif huma mħarsa, u wkoll jiġu mgħallma u mħarrġa dwar kif għandhom jittrattaw ir-riskji.

Min iħaddem irid jikkonsulta mal-ħaddiema dwar kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà. Skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-konsultazzjoni tista' tkun diretta jew permezz ta' rappreżentant tal-ħaddiem. Ħafna drabi ż-żewġ modi jiġu kkombinati flimkien. Min iħaddem jista' jkollu bżonn li jwaqqaf kumitat tas-sigurtà konġunt bejn l-impjegati u min iħaddem, fejn ikunu jistgħu jiġu diskussi kwistjonijiet aktar strateġiċi.

Min iħaddem jeħtieġ li jippromwovi kultura, li fiha s-saħħa u s-sigurtà huma integrati fir-rwoli ta' kulħadd. Teħtieġ li titwettaq konsultazzjoni, ikun xi jkun id-daqs tal-organizzazzjoni. Il-prinċipji huma l-istess — li jiġi inkoraġġit djalogu miftuħ, jinstema' dak li jintqal, titgħallem minnu u taġixxi fuqu — iżda l-format se jvarja.


© EU-OSHA/Jim Holmes


© EU-OSHA/Jim Holmes



# Ir-rwol tal-ħaddiema



© EU-OSHA/Jim Holmes



© EU-OSHA/Dries Vanderschaeghe

**Kemm min iħaddem kif ukoll il-ħaddiema, għandhom ir-responsabbiltà li jieħdu ħsieb is-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol. Min iħaddem għandu d-dmirijiet prinċipali li jevita r-riskji għall-ħaddiema tiegħu billi jniedi miżuri protettivi li jinkludu sistemi sikuri ta' xogħol, tagħmir sikur, tagħmir protettiv personali addattat u informazzjoni, struzzjonijiet u taħriġ għall-ħaddiema. Iżda l-liġi teħtieġ ukoll li l-ħaddiema jagħmlu l-parti tagħhom u jgħinu lil min iħaddimhom sabiex jipproteġihom billi:**

- jieħdu ħsieb tagħhom infushom u jħarsu s-saħħa u s-sigurtà ta' persuni oħra;
- jikkooperaw mill-qrib ma' min iħaddimhom dwar saħħa u sigurtà;
- isegwu t-taħriġ li jkunu rċevew sabiex jagħmlu xogħolhom mingħajr periklu u dwar l-użu ta' tagħmir, għodda, sustanzi, eċċ.;
- javżaw lil xi ħadd (min iħaddem, superviżur jew rappreżentant tal-ħaddiem) jekk jaħsbu li x-xogħol innifsu — jew miżuri ta' sigurtà inadegwati — qegħdin iqiegħdu s-saħħa u s-sigurtà ta' kulħadd f'riskju.

Ir-rekwiżiti legali jirriflettu r-raġunijiet għaliex il-ħaddiema għandhom jinvolvu ruħhom sabiex jinħolqu standards tas-saħħa u s-sigurtà għalihom infushom u għall-kollegi tagħhom. L-ewwel nett, is-saħħa u s-sigurtà jħarsuhom milli jkunu mweġġa' bix-xogħol. U t-tieni nett, huma jafu r-riskji fil-post tax-xogħol tagħhom u għandhom jikkontribwixxu għall-ġestjoni tagħhom.

*Kemm min iħaddem kif ukoll l-impjegati għandhom ir-responsabbiltà li jieħdu ħsieb is-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol.*



Min iħaddem jeħtieġ l-ewwel li jippromwovi kultura ta' saħħa u sigurtà li tappoġġja l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema. Iżda l-ħaddiema m'għandhomx imbagħad jillimitaw il-parteċipazzjoni tagħhom għal kooperazzjoni passiva u li jsegwu r-regoli ta' sigurtà biss. Jekk il-ħaddiema għandhom jiksbu l-protezzjoni l-aktar effettiva għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom infushom, dawn jeħtieġu li jagħmlu użu sħiħ mill-arranġamenti tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-post tax-xogħol tagħhom.

Modi kif il-ħaddiema jistgħu jgħidu tagħhom u jinvolvu ruħhom jinkludu:

- jistaqsu mistoqsijiet, iqajmu kwistjonijiet u jagħmlu suġġerimenti matul il-laqgħat, diskussjonijiet fi grupp, sessjonijiet ta' taħriġ, taħdidiet one-to-one ma' superviżuri jew maniġers;
- jieħdu sehem fi kwalunkwe attivitajiet ta' konsultazzjoni, billi jipparteċipaw fi stħarriġ jew jingħaqdu fi skemi ta' suġġerimenti jew kompetizzjonijiet ta' sigurtà;
- li jkunu involuti fi provi, eż. provi tal-għażla għal tagħmir protettiv personali;
- jivvolontarjaw sabiex jieħdu sehem f'attivitajiet tas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol bħal gruppi ta' ħidma;
- jirrappurtaw inċidenti, kważi inċidenti, jew kwalunkwe ħaġa oħra li jaħsbu li tista' tkun ta' periklu, ħażina għas-saħħa jew ostruttiva, iżda jressqu wkoll xi ideat għal titjib;
- jitkellmu mar-rappreżentant tal-ħaddiema tagħhom, jekk ikollhom wieħed, u jipparteċipaw fi kwalunkwe attivitajiet li huma jorganizzaw (laqgħat, stħarriġ, eċċ.). Jikkunsidraw il-volontarjat sabiex isiru rappreżentanti tal-ħaddiema;
- jikkontribwixxu għall-aħbarijiet dwar is-saħħa u s-sigurtà fin-newsletter tal-kumpanija;
- japplikaw l-għarfien li rċevew waqt it-taħriġ fil-kompiti tax-xogħol;
- jagħtu eżempju tajjeb lill-impjegati l-ġodda u jgħinuhom fl-aspetti tas-saħħa u s-sigurtà tax-xogħol tagħhom.


© Fotolia/endostock


© Courtesy of INSHT

*Jekk il-ħaddiema jridu jiksbu l-protezzjoni l-aktar effettiva għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom infushom, dawn jeħtieġu li jagħmlu użu sħiħ mill-arranġamenti tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-post tax-xogħol tagħhom.*

# Ir-rwol tar-rappreżentanti tal-ħaddiema




© EU-OSHA/Jim Holmes



© EU-OSHA/Jim Holmes

**Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema flimkien mal-parteċipazzjoni diretta tal-ħaddiema huwa mod effettiv kif jinkisbu fehmiet u għall-involviment tal-ħaddiema fis-saħħa u s-sigurtà. Ir-rwol tar-rappreżentant tal-ħaddiem huwa li jiżgura li l-ħaddiema jkollhom kontribut fid-deċiżjonijiet maniġerjali meta jkunu qed jiġu żviluppati miżuri preventivi u protettivi, billi jirrifletti l-opinjonijiet tagħhom, it-tħassib u l-ideat. Dan ir-rwol huwa distint minn dak ta' ħaddiema bħal superviżuri li d-deskrizzjoni ta' xogħolhom tinkludi kompiti li jgħinu fil-ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà. Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom huma definiti bil-liġi nazzjonali. Dawn jinkludu ħin liberu mħallas sabiex iwettqu l-funzjonijiet u t-taħriġ tagħhom.**

Jista' jkun hemm kumitat tas-sigurtà konġunt bejn il-ħaddiema u min iħaddem li fih ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jieħdu sehem. Kumitati tas-sigurtà jintużaw bħala forum ta' diskussjoni u korp konsultattiv għad-deċiżjonijiet tal-kumpanija. Kumitat tas-sigurtà jippermetti li rappreżentanti tal-ħaddiema, konsulenti tas-saħħa u s-sigurtà, maniġers u superviżuri jiltaqgħu u jidentifikaw kwistjonijiet ta' sigurtà u saħħa u flimkien jinfluwenzaw il-prestazzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fil-kumpanija. Għal darb'oħra, il-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-gwida jistipulaw kif għandhom ikunu ffurmati u kif għandhom joperaw. Huma għandu jkollhom numru bilanċjat ta' ħaddiema u rappreżentanti tat-tmexxija, u għandhom jiddiskutu kwistjonijiet aktar strateġiċi u problemi aktar sinifikanti.

Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jistgħu jkunu wkoll rappreżentanti tat-trejdjunjins. It-trejdjunjins għandhom rwol importanti fl-appoġġ u t-taħriġ tar-rappreżentanti tagħhom u fil-forniment ta' informazzjoni indipendenti dwar is-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol. Huma ta' spiss jaħdmu ma' min iħaddem fuq il-proġetti sabiex isolvu problemi ta' saħħa u sigurtà.

*Ir-rwol tar-rappreżentant tal-ħaddiem huwa li jiżgura li l-ħaddiema jkollhom kontribut fid-deċiżjonijiet maniġerjali.*



# Listi ta' kontroll effettivi tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema

Iż-żewġ listi ta' kontroll li ġejjin ikopru l-punti ewlenin li għandhom jiġu kkunsidrati fl-iżvilupp ta' arranġamenti sabiex itejbu l-involviment tal-ħaddiem. L-ewwel lista ta' kontroll hija maħsuba għall-ħaddiema u t-tieni għar-rappreżentanti tal-ħaddiema. Mistoqsijiet imwieġba "le" għandhom jitqiesu sabiex wieħed jara x'jista' jsir b'mod differenti. Il-mistoqsijiet mhumiex eżawrjenti u għandhom jiġu kkunsidrati biss bħala gwidi li jkopru l-punti ewlenin.

| | **ĦADDIEMA** | **Iva** | **Le** |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-ħaddiema huma kkonsultati u involuti fil-proċess tal-valutazzjoni tar-riskji relatat max-xogħol tagħhom? | | |
| 2 | Il-ħaddiema ġew imħarrġa sabiex jifhmu kif il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni huma applikati sabiex jiżviluppaw miżuri ta' saħħa u sigurtà? | | |
| 3 | Il-ħaddiema huma mħeġġa sabiex jipproponu ideat għal titjib fl-istandards tas-saħħa u s-sigurtà? | | |
| 4 | Il-ħaddiema huma mħarrġa sabiex jirrapportaw perikli u xi difetti fl-arranġamenti ta' min iħaddem għall-protezzjoni tan-nies? | | |
| 5 | Il-ħaddiema huma kkonsultati u involuti fl-abbozzar ta' istruzzjonijiet, proċeduri, politiki, eċċ.? | | |
| 6 | Meta jiġu ppjanati l-bidliet, il-ħaddiema jkunu kkonsultati u involuti qabel il-miżuri finali jiġu adottati? | | |
| 7 | Il-ħaddiema huma mħarrġa sabiex ikunu proattivi fir-riċerka għal titjib fl-arranġamenti għas-saħħa u s-sigurtà? | | |
| 8 | Il-ħaddiema huma kkonsultati u involuti fl-għażla ta' għodod, tagħmir tax-xogħol u t-Tagħmir Protettiv Personali qabel dawn l-oġġetti jinxtraw? | | |
| 9 | Is-soluzzjonijiet huma "ppruvati" mal-ħaddiema sabiex jinkiseb il-feedback tagħhom qabel jittieħdu d-deċiżjonijiet finali? | | |




© EU-OSHA/Jim Holmes

| | RAPPREŻENTANTI TAL-ĦADDIEMA | Iva | Le |
|---|---|---|---|
| 1 | Hemm proċeduri miftiehma għall-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-ħaddiema? | | |
| 2 | Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema huma kkonsultati dwar il-kwistjonijiet kollha marbuta mas-saħħa u s-sigurtà, inklużi: valutazzjonijiet tar-riskju, miżuri, il-ħatra ta' ħaddiema responsabbli mis-saħħa u s-sigurtà, l-ewwel għajnuna, eċċ., it-taħriġ fuq is-saħħa u s-sigurtà, l-introduzzjoni ta' tagħmir ġdid, teknoloġiji ġodda, eċċ.? | | |
| 3 | Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema huma kkonsultati u involuti fl-abbozzar ta' struzzjonijiet, proċeduri, politiki, eċċ.? | | |
| 4 | Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema huma involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar is-saħħa u s-sigurtà, eż. permezz ta' korpi konsultattivi u gruppi tat-teħid ta' deċiżjonijiet? | | |
| 5 | Il-verifiki tas-saħħa u s-sigurtà jinkludu b'mod attiv rappreżentanti tas-sigurtà kif ukoll maniġers? | | |
| 6 | Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema huma mħeġġa sabiex jidentifikaw studji ta' każijiet ta' prattika tajba, li jistgħu jinżammu f'database organizzazzjonali? | | |
| 7 | Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema huma involuti kompletament fl-investigazzjoni ta' inċidenti? | | |
| 8 | Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema huma awtorizzati li jieħdu ħin liberu mix-xogħol imħallas sabiex jiddiskutu kwistjonijiet u jipprovdu feedback lill-ħaddiema li jirrappreżentaw? | | |
| 9 | Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema huma pprovduti b'assistenza amministrattiva sabiex ikunu appoġġati b'mod sħiħ fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom? | | |
| 10 | Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema huma mħarrġa kif suppost fil-prinċipji ġenerali tal-prevenzjoni u l-applikazzjoni ta' prinċipji fil-post tax-xogħol? Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema ġew imħarrġa sabiex jiżviluppaw il-ħiliet rappreżentattivi tagħhom? | | |


© EU-OSHA/Gregor Staeuble

# Riżorsi u aktar informazzjoni

**L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fil-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)**
http://osha.europa.eu

Taqsima ddedikata fuq il-websajt tal-kampanja Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa ġiet maħluqa sabiex tipprovdi lill-ħaddiema u lir-rappreżentanti tagħhom b'aktar pariri u gwida. Din tinkludi links għal diversi pubblikazzjonijiet u websajts, kif ukoll verżjonijiet onlajn li jistgħu jitniżżlu ta' din il-gwida.

**Din it-taqsima tal-websajt hija disponibbli b'24 lingwa u tinsab fuq: www.healthy-workplaces.eu**

L-EU-OSHA qed tipproduċi rapporti differenti dwar prattiċi tajba fuq it-tmexxija u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema li se jkunu disponibbli matul il-kampanja. Se jkun hemm ukoll taqsimiet dedikati fuq il-websajt dwar it-tmexxija (www.healthy-workplaces.eu/leadership) u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema (www.healthy-workplaces.eu/worker-participation).

*Il-parteċipazzjoni sħiħa tmur lil hinn mill-konsultazzjoni — il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom huma wkoll involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet.*



**Il-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (KETU)**
www.etuc.org
Il-KETU pproduċiet diversi pubblikazzjonijiet dwar ir-rappreżentazzjoni tal-ħaddiema

**Id-dipartiment tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, tas-saħħa u s-sigurtà tal-Istitut Ewropew tat-Trade Unions (ETUI)**
www.etui.org/Topics/Health-Safety
Pereżempju, ara:

- suġġetti prinċipali — rappreżentanti tas-sigurtà;
- it-taqsima tal-pubblikazzjonijiet dwar ir-rappreżentanti tal-ħaddiema;
- l-artikoli tal-*HesaMag* dwar ir-rappreżentazzjoni tal-ħaddiema.

**It-trejdjunjins nazzjonali** jipprovdu appoġġ prattiku u taħriġ għar-rappreżentanti tal-ħaddiema tagħhom u jipproduċu varjetà sħiħa ta' informazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol.

**Awtoritajiet nazzjonali OHS** jipprovdu informazzjoni u gwida dwar ir-rekwiżiti legali u l-prattika tajba. Pereżempju, l-Eżekuttiv tas-Saħħa u s-Sigurtà tar-Renju Unit għandu taqsima fuq il-web dwar l-involviment tal-ħaddiema:
http://www.hse.gov.uk/involvement/index.htm

**Aktar**

**Zero harm worker involvement** — the missing piece, 2011, http://www.workerinvolvement.co.uk

**Hazards Magazine** — pereżempju, ara s-sezzjonijiet tar-riżorsi dwar l-organizzazzjoni u r-rappreżentanti tas-sigurtà tat-trejdjunijins:
http://www.hazards.org/resources/index.htm

**Barefoot research** — manwal tal-ħaddiem għall-organizzazzjoni fuq is-sigurtà tax-xogħol, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), 2002, http://www.ilo.org

# Dwar

Il-kampanja **Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa** hija kkoordinata mill-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol u l-imsieħba tagħha f'aktar minn 30 pajjiż u tappoġġja firxa wiesgħa ta' attivitajiet fil-livell nazzjonali u Ewropew. Il-kampanja **Naħdmu flimkien biex nevitaw ir-riskji 2012–13** tqajjem kuxjenza dwar l-importanza tat-tmexxija tal-OHS u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema għall-prevenzjoni ta' inċidenti u mard relatati max-xogħol.

## Dati ewlenin

- Tnedija tal-kampanja: 18 ta' April 2012
- Ġimgħa Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fil-post tax-Xogħol: Ottubru 2012 u 2013
- Ċerimonja tal-Għoti tal-Premjijiet għal Prattiki Tajba: April 2013
- Samit dwar Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa: Novembru 2013

**www.healthy-workplaces.eu**

*Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa hija l-ikbar kampanja Ewropea dwar is-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol.*



L-**Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (UE-OSHA)** tgħin sabiex tagħmel lill-Ewropa post aħjar fejn wieħed jista' jaħdem bla periklu, ikun f'saħħtu u jkun aktar produttiv. L-Aġenzija tirriċerka, tiżviluppa u tqassam informazzjoni affidabbli, ibbilanċjata u imparzjali dwar is-saħħa u s-sigurtà kif ukoll torganizza kampanji ta' sensibilizzazzjoni Pan-Ewropej. Stabbilita mill-Unjoni Ewropea fl-1996 u bbażata ġewwa Bilbao fi Spanja, l-Aġenzija tlaqqa' flimkien rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, gvernijiet ta' Stati Membri, organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema, kif ukoll esperti ewlenin minn kull wieħed mis-27 Stat Membru tal-UE u lil hinn.

**Il-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (KETU)** hija organizzazzjoni ta' trejdjunjins li twaqqfet fl-1973, u li bħalissa tirrappreżenta 83 organizzazzjoni ta' trejdjunjins f'36 pajjiż Ewropew, flimkien ma' 12-il federazzjoni bbażati fuq l-industrija. L-għan ewlieni tal-KETU huwa li tippromwovi l-Mudell Soċjali Ewropew u li taħdem għall-iżvilupp ta' Ewropa magħquda fil-paċi u stabbiltà fejn il-ħaddiema u l-familji tagħhom jistgħu jgawdu minn drittijiet tal-bniedem u ċivili sħaħ u livelli ta' għajxien għolja. Il-Mudell Soċjali Ewropew jinkorpora soċjetà li tikkombina t-tkabbir ekonomiku sostenibbli ma' standards tal-ħajja u tax-xogħol li dejjem aktar jitjiebu, inklużi l-impjiegi għal kulħadd, il-protezzjoni soċjali, opportunitajiet indaqs, impjiegi ta' kwalità tajba, l-inklużjoni soċjali, u proċess ta' tfassil ta' politika miftuħ u demokratiku li jinvolvi ċ-ċittadini b'mod sħiħ fid-deċiżjonijiet li jaffettwawhom. Il-KETU temmen li l-konsultazzjoni mal-ħaddiema, in-negozjar kollettiv, id-djalogu soċjali u l-kundizzjonijiet tajba tax-xogħol huma importanti għall-promozzjoni tal-innovazzjoni, produttività, kompetittività u tkabbir fl-Ewropa.



Il-Parteċipazzjoni tal-Ħaddiema fis-Saħħa u s-Sigurtà fil-Post tax-Xogħol — Gwida Prattika
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2011 — 20 pp. — 17.6 × 25 cm

ISBN 978-92-9191-603-0
doi:10.2802/3015

Kunċett u disinn: Kris Kras Design, il-Pajjiżi l-Baxxi

Ir-ritratti ttieħdu mis-siti Brittaniċi ta' Baxter Healthcare, Ideal Standard, Pirelli Tyres u Toyota Material Handling. Nirringrazzjaw lill-imsieħba tagħna għall-appoġġ ġeneruż tagħhom.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata, bil-kundizzjoni li jiġi rikonoxxut is-sors.

**Il-Parteċipazzjoni tal-Ħaddiema fis-Saħħa u s-Sigurtà fil-Post tax-Xogħol — Gwida prattika**

*L-impjegati ħafna drabi jkollhom għarfien iddettaljat ta' xogħolhom u fuq kif jista' jsir aktar sigur. Din il-gwida turi kif il-ħaddiema jistgħu jużaw dan l-għarfien biex jikkomunikaw b'suċċess mas-superjuri tagħhom biex jitjieb il-livell tal-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Din il-gwida titkellem dwar ir-rwoli rispettivi, ir-responsabbiltajiet u l-obbligi legali tal-ħaddiema, ir-rappreżentanti tagħhom u dawk li jħaddmu. Din il-gwida tagħti eżempji konkreti tal-passi li l-partijiet kollha jistgħu jieħdu biex itejbu l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol b'mod prattiku. F'din il-gwida hawn ukoll lista li jistgħu jirreferu għaliha kemm il-ħaddiema kif ukoll ir-rappreżentanti tagħhom biex ikun assigurat li dawk involuti qegħdin jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ biex inaqqsu r-riskji.*




**Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**
Gran Vía 33, 48009 Bilbao, SPAIN
Tel. +34 944794360
Faks +34 944794383
E-mail: information@osha.europa.eu
**http://osha.europa.eu**

**Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions**
International Trade Union House (ITUH)
Boulevard Roi Albert II, 5/Koning Albert II-laan 5
1210 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË
Tel. +32 2 2240411
Faks +32 2 2240454
**http://www.etuc.org**



ISBN 978-92-9191-603-0

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

TE-31-11-179-MT-C